MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 1102/2009

J & R Company Limited C-7999

Vs

Zapps Company Limited C-18527

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ J & R Company Limited fejn gie premess;

1. Illi permezz ta’ kuntratt ta’ bejgh datat 30 ta’ Mejju 1995 is-socjeta’ attrici ittrasferiet lis-socjeta’ konvenuta *garage* fis-*semi-basement level* bla numru u jgib l-isem Fablor Garage sottopost ghall-hwienet hawn taht deskritti u trasferiti b’ dan l-istess kuntratt liema *garage* ghandu l-entratura tieghu f’ Tunnara Promenade l-Ghadira limiti tal-Mellieha, kif ukoll erba’ (4) hwienet kontigwi ghal xulxin kollha bla numru privatament maghrufa bhala Fablor numru wiehed (1), Fablor numru tnejn (2), Fablor numru tlieta (3) u Fablor numru erbgha

(4) kif ukoll bl-isem ta' Fablor Office, Fablor Jewellery, Fablor Stationery u Tuna Bar, bit-terrazzin ta' quddiemhom, verso l-prezz u soggetti ghat-termini u l-kundizzjonijiet u servitujiet indikati fl-istess kuntratt. Kopja tal-kuntratt hija annessa bhala dokument 'A'.

2. Illi il-bejgh mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, kif dettaljat fil-klawsola numru 1, sar versu l-prezz ta' Lm 45,000 illi minnhom Lm2,500 kienu diga thallsu qabel il-kuntratt mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, waqt illi a rigward il-bilanc tal-prezz huma ftehmu, u fl-att hemm stipulat *'Il-bilanc ta' tnejn u erbghin elf u hames mitt lira (Lm 42,500) il-Kompraturi jobbligaw ruhhom li jhallsu lill-venditur li jaccetta fi zmien hmistax (15)-il sena mill-gurnata tal-lum bl-interessi ta' sebgha fil-mija fis-ena (7% p.a.) dekorribbli mil-lum pagabbli bis-sitt (6) xhur b' lura u kkalkolati a skaletta u bid-dekadenza tal-beneficcju tat-terminu f' kaz ta' morozita tal-hlas ta'rata wahda arretrati ta' interessi sa zmien hmistax-il gurnata mid-data ta' notifika ta' att gudizzjarju.'*

3. Illi effettivament is-socjeta' konvenuta waqghet lura fil-hlas tal-imghax minnha dovut lis-socjeta' attrici, u ghalhekk l-istess socjeta' attrici pprezentat ittra ufficjali fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha interpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha is-somma ta' €14,479.17 li tirrappresenta l-imghax arretrat sal-31 ta' Marzu 2009 fuq l-imsemmija somma kapitali ta' Lm42,500 illum ekwivalenti ghal €98,998.37. Tali ittra ufficjali giet notifikata lis-socjeta' konvenuta fit-3 ta' Gunju 2009 u kopja legali taghha qed tigi hawn annessa bhala Dokument 'B'.

4. Illi is-socjeta' konvenuta, ghalkemm notifikata b' tali ittra ufficjali, xorta ma hallsitx l-arretrati ta' interessi dovuti minnha sa zmien 15-il jum mid-data ta' tali notifika, u sallum dawn l-arretrati ghadhom ma thallsux.

5. Illi ghaldaqstant, peress illi tali morozita' ma gietx sanata mis-socjeta' konvenuta minkejja in-notifika lilha tal-imsemmija ittra ufficjali, ai termini tal-kuntratt ta' bejgh fuq

imsemmi, dan igib id-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu da parte tas-socjeta’ konvenuta.

6. Illi llum il-bilanc tal-prezz li ghadu dovut mis-socjeta’ konvenueta lis-socjeta’ attrici huwa ta’ €98,998.37, u is-somma ta’ €14,479.17 bhala imghax arretrat sal-31 ta’ Marzu 2009, salvi imghaxijiet ulterjuri.

7. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

8. Illi l-esponenti taf b’ dawn il-fatt personalment.

Fuq dawn il-premessi s-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ konvenueta baqghet moruza fil-hlas ta’ rata wahda u aktar ta’ interessi dovuti minnha lis-socjeta’ attrici, oltre 15-il jum mid-data tan-notifika lilha tal-ittra ufficjali datata 29 ta’ Mejju 2005 u ghaldaqstant b’ konsegwenza ta’ dan in-nuqqas l-istess socjeta’ konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz dovut minnha lis-socjeta’ attrici, kif stipulat fil-kuntratt ta’ bejgh tat-30 ta’ Mejju 1995;

2. Tikkundanna ghalhekk lis-socjeta’ konvenueta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici (1) s-somma ta’ €98,998.37, rapprezentanti il-bilanc mill-prezz tal-bejgh tal-immobili fuq identifikati, li ghadu dovut minnha lis-socjeta’ attrici ai termini tal-kuntratt ta’ bejgh pubblikat min-Nutar Dottor Angelo Vella fit-30 ta’ Mejju 1995 u (2) is-somma ta’ €14,479.17 rapprezentanti imghax arretrat sal-31 ta’ Marzu 2009 fuq l-istess bilanc kapitali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Mejju 2009 kif ukoll dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 1165/2009, u bl-imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta’ 7% fis-sena fuq il-bilanc kapitali ta’ €98,998.37 b’ effett mill-1 ta’ April 2009, sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta li rappresentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-elenku tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Jannar, 2010 fejn il-Qorti rrilevat li s-socjeta’ konvenueta ghandha titqies li hi kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta’ attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u ghalhekk tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------